# MALTA

## TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

## ĠUDIKATUR
## DR. ANNA MALLIA

**Seduta tas-07 ta' April, 2017**

Talba Numru: 325/2016 AM3

Numru fuq il-Lista: 38

**GO plc (22334)**
**Triq Fra Diegu,**
**Marsa MRS1501**

**Vs**

**Ryan Joseph Micallef (79791M)**
**63, Triq Sidtna tal-Angli,**
**Haz Zebbug**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-12 ta' Awwissu, 2015 illi permezz tiegħu s-Soċjeta′ attriċi talbet mingħand il-konvenuta il-ħlas tas-somma ta' seba' mija u hamsa u erbghin ewro u tmien centezmi (€745.08c) in konnessjoni ma' servizzi fuq 79015536 liema servizzi huma migbura fil-kont bin-numru 55084173.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax hija ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie pprezentat mis-Soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-Soċjeta` attriċi s-somma ta' seba' mija u hamsa u erbghin ewro u tmien centezmi (€745.08c), bl-imgħax legali dekorribbli mit-08 ta' Frar, 2016 li hija d-data tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi numerata 234/16, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**